Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/2027(INI)

11.3.2025

EMENDI
1 - 86

Abbozz ta' rapport
Gheorghe Falcă
(PE768.068v01-00)

Deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2023
(2025/2027(INI))

Emenda 1
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE li jressqu t-tħassib tagħhom għall-attenzjoni tal-Parlament,	– wara li kkunsidra l-Artikoli ***20,*** 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE li jressqu t-tħassib tagħhom għall-attenzjoni tal-Parlament,

Or. en

Emenda 2
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE li jressqu t-tħassib tagħhom għall-attenzjoni tal-Parlament,	– wara li kkunsidra l-Artikoli ***20,*** 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE li jressqu t-tħassib tagħhom għall-attenzjoni tal-Parlament,

Or. en

Emenda 3
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi fl-2023, il-Parlament irċieva ***1 452*** petizzjoni, li ***tirrappreżenta*** żieda ta' 16,2 % meta mqabbla mal-***1 217***-il petizzjoni mressqa fl-2022 u ***tnaqqis*** ta' 4,0	B. billi fl-2023, il-Parlament irċieva ***1 452*** petizzjoni, li ***jirrappreżentaw*** żieda ta' 16,2 % meta mqabbla mal-***1 217***-il petizzjoni mressqa fl-2022 u ta' 4,0 %

% meta mqabbla mal-***1 392*** petizzjoni mressqa fl-2021;	meta mqabbla mal-***1 392*** petizzjoni mressqa fl-2021; ***billi l-ammont totali ta' petizzjonijiet li waslu għadu qed ikun sensibbilment inqas mill-ogħla livell milħuq fl-2013 u fl-2014, fejn il-Parlament irċieva 2 891 u 2 715-il petizzjoni rispettivament;***

Or. en

Emenda 4
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, madankollu, l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu baxx meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan juri li għad iridu jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw liċ-ċittadini direttament; billi***,*** fl-eżerċizzju tad-dritt ***li titressaq*** petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud ***billi tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom***;	D. billi, madankollu, l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu baxx meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan juri li għad iridu jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw liċ-ċittadini direttament; billi fl-eżerċizzju tad-dritt ***ta'*** petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE ***jieħdu approċċ proattiv, filwaqt li jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, biex*** jipprovdu valur miżjud ***biex isolvu l-problemi tagħhom, b'mod partikolari meta jirriżultaw minn ksur dokumentat tad-dritt tal-UE***;

Or. en

Emenda 5
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju ***reġistrat tagħha*** fi Stat Membru ***u li tkun affettwata direttament minn*** kwistjonijiet li jaqgħu ***taħt l-oqsma*** tal-attività tal-UE;	E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju ***rreġistrat*** fi Stat Membru***, jew individwalment inkella f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, dwar*** kwistjonijiet li jaqgħu ***fl-oqsma*** tal-attività tal-UE ***u li jaffettwaw lill-petizzjonanti b'mod dirett, b'interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' din l-aħħar kundizzjoni***;

Or. en

Emenda 6
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju ***reġistrat tagħha*** fi Stat Membru ***u li tkun affettwata direttament minn*** kwistjonijiet ***li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE***;	E. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju ***rreġistrat*** fi Stat Membru***, individwalment jew kollettivament imressqa dwar*** kwistjonijiet ***fl-oqsma tar-responsabbiltà tal-UE li jaffettwaw lil petizzjonanti, jew direttament inkella indirettament***;

Or. en

Emenda 7
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Parlament huwa l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament miċ-ċittadini tal-UE; billi ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu;	H. billi ***d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE; billi*** l-Parlament huwa l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament miċ-ċittadini tal-UE; billi ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu;

Or. en

Emenda 8
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi d-dritt ta' petizzjoni jista' jipprovdi liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw lir-rappreżentanti eletti tagħhom direttament u għalhekk huwa essenzjali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 9
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq il-kontribut ipprovdut mill-petizzjonanti, li jippermetti lill-Parlament itejjeb ir-rispons tiegħu għall-ilmenti u għat-tħassib relatati mar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet huma għalhekk sors utli ta' informazzjoni dwar każijiet ta' applikazzjoni ħażina jew ksur tad-dritt tal-UE, li jippermettu l-valutazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE;	J. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq il-kontribut ipprovdut mill-petizzjonanti, li jippermetti lill-Parlament itejjeb ir-rispons tiegħu għall-ilmenti u għat-tħassib relatati mar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri; billi***, permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE; billi*** l-petizzjonijiet huma għalhekk sors utli ta' informazzjoni dwar każijiet ta' applikazzjoni ħażina jew ksur tad-dritt tal-UE, li jippermettu l-valutazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE;
	Or. en

Emenda 10
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-potenzjal sħiħ tad-dritt ta' petizzjoni fid-dritt tal-UE għadu qed jiġi mminat min-nuqqasijiet u d-defiċjenzi serji relatati mal-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, li huwa difettuż, fost l-oħrajn, mill-assenza persistenti taċ-ċarezza legali dwar il-kriterji li l-Kummissjoni qed tuża fit-teħid ta' azzjoni formali skont il-proċeduri ta' ksur u tal-EU Pilot, id-dewmien twil ħafna biex jintemm il-ksur tad-dritt tal-UE u nuqqas ta' trasparenza dwar it-trattament min-naħa tal-Kummissjoni tal-proċeduri tal-EU Pilot u ta' ksur, mingħajr ebda aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni dettaljata dwar l-

iskambji bejn is-servizzi tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, la għall-pubbliku u lanqas għall-Membri tal-PE, bħala rappreżentanti eletti taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 11
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi, f'konformità mal-Artikolu 17 tat-TUE, il-Kummissjoni hija afdata bil-kompitu li tiżgura l-applikazzjoni xierqa tat-Trattati u tal-miżuri adottati skont dawn it-Trattati; billi l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet irid ikun allinjat bis-sħiħ mat-Trattati sabiex tiżgura s-segwitu effettiv u komprensiv tagħhom;

Or. en

Emenda 12
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Jb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jb. billi skont l-Artikolu 17 tat-TUE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni korretta tat-Trattati u tal-miżuri adottati skont dawn it-Trattati; billi l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet irid ikun konsistenti bis-sħiħ mat-Trattati sabiex tiżgura s-segwitu l-aktar effettiv tal-petizzjonijiet, bl-għan li tiġi ggarantita l-protezzjoni sħiħa u

f'waqtha tad-drittijiet taċ-ċittadini li jirriżultaw mid-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 13
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli, u dan bil-lingwa tagħhom stess jew b'dik użata fil-petizzjoni;	K. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi ***kull petizzjonant għandu d-dritt li l-petizzjoni tiegħu tiġi ttrattata b'mod imparzjali u ekwu f'konformità sħiħa mad-dritt għal amministrazzjoni tajba spjegat fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi*** l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli, u dan bil-lingwa tagħhom stess jew b'dik użata fil-petizzjoni;

Or. en

Emenda 14
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi r-reazzjonijiet fil-pront u effettivi min-naħa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għall-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet, flimkien mal-kumpens u r-rimedju xierqa għall-petizzjonanti li jkunu sofrew bħala riżultat ta' ksur tad-dritt tal-UE, isaħħu l-fiduċja li huma

jkollhom fl-Unjoni u l-politiki tagħha; billi, konsegwentement, huwa kruċjali li jinżammu standards għolja fl-implimentazzjoni ta' dan id-dritt u fit-trattament tal-petizzjonijiet;

Or. en

Emenda 15
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti bi grad għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE ***u għall-ħtieġa li tinżamm*** kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet li waslu;	N. billi meta ***jkun qed*** jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***jenħtieġ li*** jagħti attenzjoni ***akbar*** lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti bi grad għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE***, filwaqt li jikkonforma bis-sħiħ mal-għan ewlieni tiegħu li jindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-ksur tad-dritt tal-UE kif ukoll lakuni u nuqqasijiet fid-dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt tal-UE, u filwaqt li jżomm*** kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet li waslu; ***billi jenħtieġ li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiżgura kopertura ġeografika aktar ibbilanċjata fl-organizzazzjoni tal-missjonijiet tiegħu ta' ġbir ta' informazzjoni sabiex jaqdi dmirijietu biex jiżgura dimensjoni Ewropea fl-azzjoni ta' segwitu ewlenija tiegħu meħuda fir-rigward tal-petizzjonijiet li waslu;***

Or. en

Emenda 16
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi, fl-2023, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni;	Q. billi, fl-2023, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni***. Il-Membri vvjaġġaw lejn ir-Rumanija biex jeżaminaw il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-popolazzjoni tal-orsijiet kannella u l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, lejn Donegal (l-Irlanda) biex jinvestigaw l-użu ta' blokok tal-majka difettużi fil-kostruzzjoni fl-Irlanda u lejn il-Katalonja (Spanja) biex jivvalutaw in situ l-mudell tal-immersjoni lingwistika fil-Katalonja. Il-Membri tal-Kumitat PETI kienu wkoll parti minn delegazzjoni konġunta tal-Kumitati EMPL, LIBE u PETI li vvjaġġat lejn New York biex tattendi s-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Istati Parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD COSP)***;
	Or. en

Emenda 17
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi, fl-2023, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni;	Q. billi, fl-2023, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza erba' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni; ***billi hemm bżonn ta' komunikazzjoni msaħħa fil-livell nazzjonali, kemm qabel kif ukoll matul iż-żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili jiġu mistiedna jinvolvu ruħhom fi djalogu miftuħ mad-delegazzjoni tal-PE fuq il-post u jifhmu li qed tindirizza b'mod attiv il-kwistjonijiet li jaffettwawlhom hajjithom;***
	Or. en

Emenda 18
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifaħħar il-kontribut sinifikanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-ħidma tiegħu, għall-adozzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar ir-Reati Ambjentali, li għandha l-għan li tgħin biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew billi tipprovdi lista komprensiva u aġġornata tar-reati ambjentali kif ukoll billi tiġġieled, permezz tal-liġi kriminali, l-aktar ksur serju tal-obbligi ambjentali, li jirriskja li jipprovoka effetti devastanti kemm fuq l-ambjent kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem;

Or. en

Emenda 19
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jenfasizza l-kontributi siewja li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ipprovda, bis-saħħa tal-valutazzjoni preċiża tiegħu tal-petizzjonijiet li waslu, dwar it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, li l-kwistjonijiet relatati tiegħu, f'konformità mat-talbiet tal-petizzjonanti, irriżultaw fid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, peress li dan tal-aħħar tqies li ma kienx għadu kompatibbli mal-għanijiet klimatiċi tal-UE fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 20
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jissottolinja l-ħidma kruċjali mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kontra d-diskriminazzjoni u l-abbuż tal-kuntratti għal terminu fiss fis-settur pubbliku fl-Italja; japprezza li l-Kummissjoni qieset kif xieraq id-dokumenti legali sodi ħafna provduti mill-petizzjonanti, ivvalutati bir-reqqa f'diversi laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, filwaqt li ddeċidiet li tressaq lill-Italja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea talli naqset milli twaqqaf l-użu abbużiv tal-kuntratti għal terminu fiss u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diskriminatorji, bi ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE;

Or. en

Emenda 21
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Jisħaq fuq l-attivitajiet tal-akbar importanza mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-trattament tal-petizzjonijiet imressqa f'isem 91 organizzazzjoni, li huma parti mill-koalizzjoni tal-Politika Ħielsa mill-Fossili, li jitolbu li l-industrija tal-fjuwils fossili tinżamm responsabbli għar-rwol tagħha fil-kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja kif ukoll li tintemm l-influwenza tal-

fjuwils fossili fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE; jissottolinja l-evidenza massiva li nħarġet fid-dieher mill-petizzjonanti, ibbażata fuq riċerka akkademika indipendenti, li turi li l-industrija tal-fjuwils fossili ilha għal ħafna snin li għandha għarfien sħiħ dwar il-perikli għall-klima kkawżati mill-prodotti tagħha u, minflok ma tappoġġja tranżizzjoni lejn futur ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli, għażlet li xxerred in-negazzjoniżmu u d-diżinformazzjoni dwar il-klima;

Or. en

Emenda 22
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1e. Jenfasizza l-ħidma ta' kwalità għolja mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà soċjali u l-gruppi l-aktar vulnerabbli kif ukoll fuq il-kumpens għall-vittmi tad-diżastri tat-tibdil fil-klima, li jikkonferma t-titjib sinifikanti miksub matul dawn l-aħħar snin mix-xjenza tad-detezzjoni u l-attribuzzjoni tat-tibdil fil-klima, li diġà ntużat b'suċċess miċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet biex jieħdu azzjoni legali biex lill-kumpaniji tal-fjuwils fossili u lill-gvernijiet iżommuhom responsabbli għall-kontribut tagħhom għat-tibdil fil-klima jew talli naqsu milli jieħdu azzjoni dwaru;

Or. en

Emenda 23
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1f. Jilqa' l-kontribut ta' suċċess mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-trattament tal-każ tar-ripatrijazzjoni tat-tfal, flimkien ma' ommijiethom, li kienu detenuti għal snin sħaħ f'kundizzjonijiet imwiegħra fil-kampijiet tar-refuġjati Sirjani u li kienu qed ibatu minn mard serju, malnutrizzjoni, pressjoni psikoloġika severa u li, jum wara jum, il-kundizzjonijiet tas-saħħa tagħhom kienu qed imorru għall-agħar; japprezza li l-argumenti legali ewlenin appoġġjati b'mod unanimu fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet kienu appoġġjati b'mod sostanzjali mill-Qorti Suprema Daniża fl-ordni tagħha li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Daniżt joffri r-ripatrijazzjoni u l-appoġġ kemm lit-tfal ikkonċernati kif ukoll lil ommijiethom;

Or. en

Emenda 24
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1g. Ifaħħar il-ħidma ta' importanza kbira mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar il-każ tal-petizzjonijiet li jikkonċerna l-peniżola Akamas, l-aktar żona bijodiversa f'Ċipru, li ilha għexieren ta' snin għaddejja minn ksur sistemiku ripetut tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u tad-Direttiva dwar l-Għasafar, f'kuntest ġenerali nieqes minn miżuri effettivi u legalment vinkolanti biex din iż-żona tiġi protetta u bi pjanijiet reċenti mressqa mill-awtoritajiet kompetenti Ċiprijotti, li wasslu biex ikun hemm effetti devastanti fuq l-ekosistemi naturali fraġli ħafna tal-

Akamas, bi ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE; jissottolinja li, wara l-attivitajiet imwettqa fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar dan, fit-13 ta' Marzu 2024 il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lil Ċipru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea talli l-awtoritajiet Ċiprijotti naqsu milli jikkonformaw mad-Direttiva dwar il-Ħabitats; jiddispjaċih li fi kważi sena wara dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda fajl lill-Qorti, u b'hekk naqset milli tibda uffiċjalment il-proċediment legali;

Or. en

Emenda 25
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifaħħar lill-Kumitat PETI tad-dibattitu tal-petizzjoni 1168/2023, imressqa minn Mihai Igna f'isem l-Assoċjazzjoni "Together We Bring Prosperity", li appellat għar-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali u l-arkivji storiċi tar-Rumanija miżmuma fir-Russja; jissottolinja l-importanza storika sinifikanti ta' dan id-dibattitu, speċjalment fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja bħalissa fl-Ukrajna, peress li jenfasizza l-kwistjonijiet usa' tal-preservazzjoni kulturali u tal-protezzjoni tal-wirt nazzjonali fi żminijiet ta' kunflitt ġeopolitiku; jissottolinja li l-involviment tal-Kumitat PETI f'din il-kwistjoni jirrifletti l-impenn tiegħu li jissalvagwardja d-drittijiet taċ-ċittadini Rumeni u l-legat storiku tar-Rumanija u li jappoġġja l-pretensjonijiet leġittimi tagħha fix-xena internazzjonali; ifakkar fir-riżoluzzjoni sussegwenti fil-plenarja dwar ir-restituzzjoni ta' beni tal-patrimonju nazzjonali Rumen approprjati

illegalment mir-Russja;

Or. en

Emenda 26
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza l-ħtieġa li r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jiġu riveduti biex jissaħħaħ is-sinifikat strateġiku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, inkluż ir-rwol tiegħu fl-attivitajiet tal-Plenarja u fil-qafas tal-inizjattivi leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-TFUE. Din ir-reviżjoni għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ l-azzjonijiet ta' segwitu ġenerali dwar il-petizzjonijiet li waslu u żżid l-użu tagħhom bħala għodda kruċjali biex jiġu indirizzati b'mod effettiv in-nuqqasijiet fid-dritt attwali tal-UE li jaffettwaw b'mod negattiv id-drittijiet taċ-ċittadini, u b'hekk jissaħħaħ il-proċess demokratiku billi jiġi żgurat li t-tħassib taċ-ċittadini jiġi integrat b'mod aktar dirett fl-azzjonijiet leġiżlattivi u fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 27
Sandra Gómez López, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo, Alex Agius Saliba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-

ċittadini jiġu infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;	ċittadini jiġu infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; ***jappella għal kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni mtejba dwar id-dritt ta' petizzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ dan id-dritt, b'attenzjoni speċjali għall-komunitajiet rurali u dawk żvantaġġjati; jirrakkomanda li tittejjeb l-aċċessibbiltà diġitali tal-Portal tal-Petizzjonijiet, inklużi adattamenti għall-persuni b'diżabbiltà u traduzzjonijiet aktar effiċjenti għal-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;***
	Or. en

Emenda 28
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE ***sabiex*** jiġi żgurat li ċ-ċittadini ***jiġu*** infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ***ta' teħid ta' deċiżjonijiet; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru*** kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, biex jgħinu ***jżidu*** l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE ***biex*** jiġi żgurat li ċ-ċittadini ***jkunu*** infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ***tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Jappella għal kampanja ta' informazzjoni strutturata madwar l-UE kollha b'kollaborazzjoni mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-NGOs, u l-istituzzjonijiet edukattivi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-petizzjoni. Jipproponi***

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;	***li l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni jiġu estiżi permezz tal-media soċjali u l-avvenimenti tal-komunità lokali. Jenfasizza l-ħtieġa ta'*** kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni ***tal-UE***, biex jgħinu ***ħalli jiżdied*** l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli ***u jissaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet***;
	Or. en

Emenda 29
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ***jiġu*** infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ***ta' teħid ta' deċiżjonijiet***; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ***jkunu*** infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ***tat-teħid tad-deċiżjonijiet***; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; ***jenfasizza l-ħtieġa ta' kampanji ta' informazzjoni dwar id-dritt ta' petizzjoni, immirati b'mod partikolari lejn ir-reġjuni iżolati u l-gżejjer, kif ukoll il-gruppi emarġinati ta' ċittadini, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssimplifikati l-proċeduri bl-għan li jitnaqqsu l-ostakli***

għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini;

Or. el

Emenda 30
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jiġu infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni***,*** biex jgħinu ***jżidu*** l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma tal-attività tal-UE sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jiġu infurmati kif xieraq dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; itenni l-appell tiegħu, f'dan ir-rigward, li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa', permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni ***u tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen*** biex jgħinu ***ħalli jiżdied*** l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' petizzjoni, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;

Or. en

Emenda 31
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi l-perċentwal sinifikanti ta' petizzjonijiet inammissibbli (29.55 %) u jappella għall-implimentazzjoni ta' għodod awtomatizzati moderni ta' assistenza fuq il-Portal Web għall-Petizzjonijiet biex jiġu

pprovduti rakkomandazzjonijiet f'ħin reali u għażliet potenzjali ta' direzzjoni mill-ġdid lejn il-mekkaniżmi tal-ilmenti rilevanti. Jisħaq fuq l-importanza li l-petizzjonanti jingħataw spjegazzjonijiet aktar ċari meta l-petizzjonijiet tagħhom jitqiesu inammissibbli u li jiġu offruti pjanijiet ta' azzjoni alternattivi;

Or. en

Emenda 32
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jenfasizza li ż-żamma tal-bilanċ politiku u ġeografiku fit-trattament tal-petizzjonijiet hija kruċjali. Jenfasizza li l-evitar f'waqtu u kostruttiv tal-petizzjonijiet domestiċi, flimkien ma' struzzjonijiet ċari dwar pjanijiet ta' azzjoni alternattivi, jistgħu jtejbu l-effiċjenza tal-Kumitat u jżommu l-petizzjonijiet bħala strument importanti għall-involviment dirett tać-ċittadini mal-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 33
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari	4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari

magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew il-ksur tad-dritt tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġu indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella, għalhekk, għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għat-talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali;	magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew il-ksur tad-dritt tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġu indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella, għalhekk, għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għat-talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali; ***jiddispjaċih li, f'ħafna każijiet, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali jonqsu milli jwieġbu l-ittri li jirċievu mingħand il-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jitolbu kjarifiki jew informazzjoni li jikkonċernaw il-petizzjonijiet; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jippubblika regolarment, darba fis-sena pereżempju, l-għadd ta' ittri li l-Istati Membri ma jkunux wieġbu għalihom u s-suġġetti tal-petizzjonijiet rilevanti;***
	Or. el

Emenda 34
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza li l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jiġu infurmati b'mod trasparenti dwar ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għar-rimborż tal-ispejjeż biex jattendu personalment għal-laqgħat tal-Kumitat għall-

Petizzjonijiet. Ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-petizzjonanti fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet hija rregolata mill-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-24 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi regoli dwar is-seduti ta' smigħ pubbliċi u tiddikjara li l-uniku rekwiżit għall-petizzjonant huwa li l-post tal-oriġini tagħhom ikun jinsab fl-Unjoni. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għadd ta' petizzjonanti ntalbu jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom bħala kundizzjoni biex ikunu jistgħu jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom lill-Kumitat u jiġu rimborżati. Itenni kemm hu importanti li jintlaħqu l-aspettattivi tal-petizzjonanti rigward it-trattament ugwali tagħhom u l-protezzjoni tad-dritt tagħhom li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom lill-Kumitat u li jiġu rimborżati għall-ispejjeż skont it-termini tal-Artikolu 9 hawn fuq irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, b'rispett għar-regoli applikabbli, inkluż in-nondivulgazzjoni ta' data personali sensittiva mingħajr bażi legali. Jenfasizza li l-għoti ta' tali assistenza huwa maħsub biex ineħħi l-ostaklu eżistenti, jiżgura t-trasparenza, iżid l-ekwità, u jiggarantixxi l-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni;

Or. en

Emenda 35
Sandra Gómez López, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo, Alex Agius Saliba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar fis-sitwazzjonijiet okkażjonali meta l-President tal-kumitat u l-Koordinaturi tal-gruppi politiċi ma setgħux jieħdu deċiżjonijiet li kienu jkunu bbażati fuq il-kunsens u li kienu jirriflettu l-maġġoranza l-kbira tal-Kumitat għall-

Petizzjonijiet, li laħqu l-qofol tagħhom fit-talba għal opinjoni mis-Servizz Legali tal-PE dwar "L-Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura fir-rigward tal-votazzjoni dwar petizzjonijiet trattati fil-laqgħat tal-kumitat meta ma jkun hemm l-ebda unanimità" (maħruġa f'Jannar 2023) u fit-talba lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) għal "interpretazzjoni tal-kunċett ta' maġġoranza kbira kif imsemmi fir-Regoli ta' Proċedura" (mogħtija f'Ottubru 2023); jiddispjaċih għan-nuqqas okkażjonali ta' ċarezza dwar l-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-PE u l-Linji Gwida tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-tmexxija tal-laqgħat u l-votazzjonijiet fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet u jitlob li jinsiltu t-tagħlimiet fil-leġiżlatura attwali;

Or. en

Emenda 36
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Itenni ***l-appell*** tiegħu lill-Kummissjoni biex ***taġġorna regolarment lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u tiżgura*** li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***ikollu*** aċċess għall-informazzjoni ***rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri*** ta' ksur li ***tnedew abbażi tal-petizzjonijiet li waslu, u dwar il-proċeduri Pilota tal-UE***; huwa tal-fehma li trasparenza ***akbar*** u rispons regolari fir-rigward tat-trattament ***mill-Kummissjoni*** tal-proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin ikunu ta' benefiċċju għas-segwitu ***tal-Kumitat*** tal-petizzjonijiet miftuħa; jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fis-sistema tat-tiftix tar-reġistru ta' ksur tal-	6. Itenni ***t-talba*** tiegħu lill-Kummissjoni biex ***tipprovdi kjarifika legali dwar il-kriterji ewlenin li jirfdu l-approċċ strateġiku tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, użati regolarment fit-tweġibiet tagħha mogħtija għall-petizzjonijiet, bħal "kwistjoni ta' prinċipju usa'", "nuqqas sistemiku ta' infurzar tad-dritt tal-UE" u "ħsara serja kkawżata lill-interessi finanzjarji tal-UE"; jemmen bis-sħiħ*** li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***għandu jingħata*** aċċess ***sħiħ għad-dokumenti kollha u*** għall-informazzjoni ***dettaljata kollha relatati mal-proċedimenti tal-EU Pilot u*** ta' ksur li ***għadhom għaddejjin u dawk magħluqa, li ġew varati abbażi tal-petizzjonijiet li waslu***;

Kummissjoni;	huwa tal-fehma li trasparenza ***sħiħa*** u rispons regolari fir-rigward tat-trattament ***min-naħa tal-Kummissjoni*** tal-proċeduri ***tal-EU Pilot u*** ta' ksur li jkunu għaddejjin ***u dawk magħluqa*** ikunu ta' benefiċċju għas-segwitu ***li l-Kumitat jwettaq*** tal-petizzjonijiet miftuħa; jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fis-sistema tat-tiftix tar-reġistru ta' ksur tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 37
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Itenni ***l-appell*** tiegħu lill-Kummissjoni biex taġġorna regolarment lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u tiżgura li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti ***tal-Kummissjoni*** dwar il-proċeduri ta' ksur ***li tnedew*** abbażi tal-petizzjonijiet li waslu, u dwar il-proċeduri ***Pilota tal-UE***; huwa tal-fehma li trasparenza akbar u rispons regolari fir-rigward tat-trattament mill-Kummissjoni tal-proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin ikunu ta' benefiċċju għas-segwitu tal-Kumitat tal-petizzjonijiet miftuħa; jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fis-sistema tat-tiftix tar-reġistru ta' ksur tal-Kummissjoni;	6. itenni ***t-talba*** tiegħu lill-Kummissjoni biex taġġorna regolarment lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u ***biex*** tiżgura li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-proċeduri ta' ksur ***u l-inizjattivi leġiżlattivi li ġew varati*** abbażi tal-petizzjonijiet li waslu, u dwar il-proċeduri ***EU Pilot***; huwa tal-fehma li trasparenza akbar u rispons regolari fir-rigward tat-trattament mill-Kummissjoni tal-proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin ikunu ta' benefiċċju għas-segwitu tal-Kumitat tal-petizzjonijiet miftuħa; jilqa' l-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni li tinkludi petizzjonijiet fis-sistema tat-tiftix tar-reġistru ta' ksur tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 38
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jemmen li l-mira tal-Kummissjoni stess ta' 12-il xahar biex tirreferi l-każijiet ta' ksur lill-QĠUE, jekk Stat Membru jibqa' jonqos milli jittrasponi direttiva leġiżlattiva, għandha tiġi estiża għall-każijiet ta' ksur l-oħra kollha bl-għan li ttejjeb l-approċċ strateġiku ġenerali tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, u b'hekk tiżgura rispons effettiv u rapidu għall-ksur tad-dritt tal-UE, bl-għan li tissalvagwardja l-integrità tad-dritt tal-UE, tipprevjeni li jseħħu danni soċjoekonomiċi u ambjentali irriversibbli u tissodisfa l-ħtieġa urġenti li ċ-ċittadini u n-negozji jgawdu l-benefiċċju li jirriżulta mill-applikazzjoni korretta u f'waqtha tad-dritt tal-UE fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 39
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tad-dritt ta' petizzjoni, huwa kruċjali li l-Kummissjoni twettaq investigazzjonijiet f'waqthom u proattivi dwar petizzjonijiet abbozzati tajjeb, b'enfasi partikolari fuq dawk li jpoġġu fid-dieher ksur tad-drittijiet li jaffettwa għadd kbir ta' ċittadini u residenti fl-UE, kif ukoll ksur ulterjuri tad-dritt tal-UE relatat mad-defiċjenzi sistemiċi li jkunu qed jiġu investigati taħt proċeduri ta' ksur li jkunu għaddejjin;

Or. en

Emenda 40
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Iqis li huwa inkwetanti l-mod kif il-Kummissjoni qed tkompli tittratta l-proċeduri ta' ksur varati kontra l-Istati Membri, inklużi dawk relatati ma' kwistjonijiet imqajma f'ħafna petizzjonijiet; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx lesta li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex ittejjeb ħafna t-trasparenza u l-effikaċja tal-ġestjoni tagħha tal-proċeduri ta' ksur, li għadhom estremament opaki, twal u jmorru saħansitra kontra l-parametri referenzjarji tal-Kummissjoni stess, kif deskritt ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali tagħha bit-titolu "L-infurzar tad-dritt tal-UE"; jiddispjaċih li l-Kummissjoni qed iżżomm staġnati fil-fażi prekontenzjuża għal ħafna snin ammont kbir ta' proċeduri ta' ksur, mingħajr l-ebda riferiment lill-QĠUE, minkejja l-fatt li l-Istati Membri kkonċernati jkunu naqsu milli jwaqqfu l-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE jew li jittrasponu b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE fi ħdan l-ordinament ġuridiku nazzjonali rispettiv tagħhom;

Or. en

Emenda 41
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***6c. Jinsab imħasseb li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu kwalunkwe azzjoni ta'**

segwitu dwar il-maġġoranza l-kbira tal-petizzjonijiet li rċeviet, u lill-petizzjonanti rreferiethom lura fil-livell nazzjonali, u b'hekk ma ħallitilhom l-ebda għażla oħra ħlief li jsegwu proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji twal u għaljin biex jindirizzaw il-ksur iddenunzjat tad-dritt tal-UE; jiddispjaċih li dan ġara wkoll dwar petizzjonijiet li ddenunzjaw ksur tad-dritt tal-UE li jkun qed iseħħ fl-Istati Membri li fihom il-Kummissjoni stess kienet irrappurtat l-eżistenza ta' problemi serji li jimminaw l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura tagħhom;

Or. en

Emenda 42
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni rrifjutat li taġixxi fuq il-maġġoranza l-kbira tal-petizzjonijiet li rċeviet, u rreferiet lill-petizzjonanti lura għal-livell nazzjonali, b'mod partikolari lill-qrati nazzjonali, u b'hekk ħalliet lill-individwi affettwati mingħajr l-ebda għażla ħlief li jidħlu fi proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji twal u għaljin, inkluż f'każijiet li jinvolvu Stati Membri fejn il-Kummissjoni diġà identifikat difetti sinifikanti li jimminaw l-indipendenza, il-kwalità, u l-effiċjenza tal-ġudikatura tagħhom;

Or. en

Emenda 43
Ioan-Rareş Bogdan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk l-awtoritajiet nazzjonali humiex qed jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrispondu għat-tħassib taċ-ċittadini kif espress fil-petizzjonijiet tagħhom fejn iseħħu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, u biex tniedi proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ; ***jemmen li azzjoni bikrija*** mill-Kummissjoni f'każijiet ta' ksur tad-dritt ***tal-Unjoni*** hija kruċjali biex jiġi pprevenut li tali ksur ***isir ta' natura sistemika***;	7. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk l-awtoritajiet nazzjonali humiex qed jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrispondu għat-tħassib taċ-ċittadini kif espress fil-petizzjonijiet tagħhom fejn iseħħu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, u biex tniedi proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ; ***jenfasizza li l-azzjoni f'waqtha u proattiva*** mill-Kummissjoni f'każijiet ta' ksur tad-dritt ***tal-UE*** hija kruċjali biex jiġi pprevenut li tali ksur ***li jista' jimmina l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej isir sistemiku fin-natura tiegħu***;

Or. en

Emenda 44
Ioan-Rareş Bogdan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iqis li*** kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***tkun meħtieġa biex*** jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali;	8. ***Jenfasizza l-ħtieġa ta'*** kooperazzjoni ***msaħħa u*** aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***sabiex*** jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali***. Jisħaq li l-koordinazzjoni u d-djalogu mtejba jiffaċilitaw it-trattament aktar effiċjenti tat-tħassib taċ-ċittadini, jipprevjenu d-dewmien bla bżonn u jsaħħu l-effettività tal-proċess tal-petizzjonijiet***;

Or. en

Emenda 45

Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iqis li kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tkun meħtieġa biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali;	8. Iqis li kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tkun meħtieġa biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali; ***jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Istati Membri jonqsu milli jwieġbu, jew dwar it-tweġibiet imdewma li ma jkollhomx investigazzjonijiet reali dwar il-petizzjonijiet, u dan jimmina l-effikaċja tal-proċess tal-petizzjoni u jxekkel is-soluzzjoni f'waqtha tal-kwistjonijiet imqajma miċ-ċittadini;***

Or. en

Emenda 46
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jemmen li huwa kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali jifhmu bis-sħiħ il-konsegwenzi ta' meta ma jipprovdux rimedju għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni identifikat f'petizzjoni wara li tkun ġiet diskussa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

Or. en

Emenda 47
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jipproponi li l-Istati Membri jingħataw skadenza ta' sitt xhur biex jipprovdu tweġibiet għall-petizzjonijiet, sabiex jiġi żgurat żmien adegwat għal investigazzjoni u kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-kwistjonijiet imqajma, filwaqt li jittejbu l-kwalità u l-effikaċja tal-azzjonijiet ta' segwitu;

Or. en

Emenda 48
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jikkundanna bil-qawwa l-fastidju u l-intimidazzjoni li għalihom ġew soġġetti l-membri uffiċjali tad-Delegazzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul iż-żjara tagħhom ta' ġbir ta' informazzjoni f'Barċellona mit-18 sal-20 ta' Diċembru 2023, bl-għan li jivvalutaw in situ l-mudell ta' immersjoni lingwistika fil-Katalonja, l-effetti tiegħu fuq il-familji li jiċċaqilqu lejn il-Komunità Awtonoma u li jirrisjedu fiha, kif ukoll fuq il-multilingwiżmu u n-nondiskriminazzjoni u l-prinċipju tal-istat tad-dritt;

Or. es

Emenda 49
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8b. Jikkundanna t-tentattivi ta' "escraches" (tregħix pubbliku permezz ta' dimostrazzjonijiet fuq l-għatba tal-bieb), vjolenza u intimidazzjoni minn entitajiet u gruppi separatisti fil-Katalonja li kienu maħsuba biex jipprevjenu l-andament bla xkiel tal-missjoni u li bihom ippruvaw jikkoerċizzaw lill-Membri tal-PE sabiex l-eżitu tal-missjoni jiffavorixxi l-interessi tagħhom;

Or. es

Emenda 50
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet edukattivi kompetenti fir-reġjun ma implimentawx ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fir-rapport tiegħu tad-19 ta' Marzu 2024 wara l-missjoni, li kellhom l-għan li jipproteġu d-drittijiet lingwistiċi tal-istudenti u l-familji tagħhom;

Or. es

Emenda 51
Sandra Gómez López, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo, Annalisa Corrado, Joanna Scheuring-Wielgus, Alex Agius Saliba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq fuq il-kontribut tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet għad-djalogu strutturat mal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest taċ-ċiklu tal-Programm ta' Ħidma annwali tiegħu, filwaqt li jissottolinja, fost

l-oħrajn, il-ħtieġa ta' tweġibiet f'waqthom għall-petizzjonijiet individwali, il-ħtieġa li l-persunal tal-Kummissjoni juża lingwaġġ komuni, sempliċi u empatetiku meta jkun qed jindirizza t-tħassib tal-petizzjonanti, u l-urġenza li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, inklużi inizjattivi li jiggarantixxu d-drittijiet ugwali għall-koppji tal-istess sess u għall-familji qawsalla; jenfasizza kemm hu urġenti li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, inklużi inizjattivi li jiggarantixxu d-drittijiet ugwali għall-koppji tal-istess sess u għall-familji differenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inklużi dawk ibbażati fuq il-ġeneru, l-oriġini etnika, id-diżabbiltà u r-reliġjon; barra minn hekk, jitlob segwitu dettaljat dwar il-petizzjonijiet li jirrapportaw każijiet ta' diskriminazzjoni u li jsir titjib fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni madwar l-UE;

Or. en

Emenda 52
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jissottolinja*** tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' relazzjonijiet esterni ***mressqa*** meta mqabbla mal-2022; jinnota li dan jista' jiġi spjegat mill-kuntest ġeopolitiku l-ġdid fl-2023 u b'mod partikolari tnaqqis fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar il-gwerra fl-Ukrajna u żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jittrattaw il-kunflitti l-ġodda fil-Lvant Nofsani; jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet qies it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sanzjonijiet, is-sigurtà, ir-	14. ***Jenfasizza*** tnaqqis żgħir ***ħafna*** fl-għadd ta' petizzjonijiet ***imressqa*** dwar kwistjonijiet ta' relazzjonijiet esterni meta mqabbla mal-2022; jinnota li dan jista' jiġi spjegat mill-kuntest ġeopolitiku l-ġdid fl-2023 u b'mod partikolari tnaqqis fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar il-gwerra fl-Ukrajna u żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jittrattaw il-kunflitti l-ġodda fil-Lvant Nofsani; jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet qies it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sanzjonijiet, is-sigurtà, ir-

riżoluzzjoni tal-konflitti, il-politika dwar il-viżi, il-progress tal-pajjiżi kandidati tal-UE, fost kwistjonijiet oħra, billi inkluda fl-aġenda tiegħu għadd ta' petizzjonijiet li jittrattaw b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tar-refuġjati, b'mod partikolari tat-tfal u dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Venezwelani fl-UE;

riżoluzzjoni tal-konflitti, il-politika dwar il-viżi, il-progress tal-pajjiżi kandidati tal-UE, fost kwistjonijiet oħra, billi inkluda fl-aġenda tiegħu għadd ta' petizzjonijiet li jittrattaw b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tar-refuġjati, b'mod partikolari tat-tfal u dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Venezwelani fl-UE; ***Jirrikonoxxi l-isforzi tal-kumitati li diġà jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod attiv u jenfasizza li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern għandhom jieħdu nota ta' dawn il-petizzjonijiet fid-deliberazzjonijiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 53
Sandra Gómez López, Sandro Ruotolo, Annalisa Corrado, Joanna Scheuring-Wielgus, Alex Agius Saliba, Hana Jalloul Muro, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' relazzjonijiet esterni mressqa meta mqabbla mal-2022; jinnota li dan jista' jiġi spjegat mill-kuntest ġeopolitiku l-ġdid fl-2023 u b'mod partikolari tnaqqis fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar il-gwerra fl-Ukrajna u żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jittrattaw il-kunflitti l-ġodda fil-Lvant Nofsani; jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet qies it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sanzjonijiet, is-sigurtà, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, il-politika dwar il-viżi, il-progress tal-pajjiżi kandidati tal-UE, fost kwistjonijiet oħra, billi ***inkluda fl-aġenda*** tiegħu għadd ta' petizzjonijiet li jittrattaw b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tar-refuġjati, b'mod partikolari tat-tfal u dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Venezwelani fl-	14. Jissottolinja tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' relazzjonijiet esterni mressqa meta mqabbla mal-2022; jinnota li dan jista' jiġi spjegat mill-kuntest ġeopolitiku l-ġdid fl-2023 u b'mod partikolari tnaqqis fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar il-gwerra fl-Ukrajna u żieda sinifikanti fil-petizzjonijiet li jittrattaw il-kunflitti l-ġodda fil-Lvant Nofsani; ***jiddispjaċih li l-petizzjonijiet kollha dwar is-sitwazzjoni f'Gaża ngħalqu b'deċiżjoni tal-maġġoranza tal-lemin tal-gruppi politiċi mingħajr ma taw lill-petizzjonanti l-possibbiltà li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom f'laqgħa pubblika tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, minkejja d-dikjarazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) li hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-mexxejja Iżraeljani wettqu delitti***

UE;

inkluż t-tbatija tal-ġuħ, il-qtil, l-immirar intenzjonat tal-persuni ċivili u l-persekuzzjoni u li l-mexxejja tal-Ħamas wettqu delitti inkluż esterminazzjoni, il-qtil, u t-teħid ta' ostaġġi, li aktar tard wasslu lill-QKI biex toħroġ mandat ta' arrest internazzjonali kontra l-Prim Ministru Iżraeljan Benjamin Netanyahu, l-eks ministru għad-difiża Yoav Gallant u l-eks kmandant tal-Ħamas, filwaqt li kkwotat allegazzjonijiet ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità; jinnota li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet qies it-tħassib taċ-ċittadini dwar is-sanzjonijiet, is-sigurtà, ir-riżoluzzjoni tal-konflitti, il-politika dwar il-viżi, il-progress tal-pajjiżi kandidati tal-UE, fost kwistjonijiet oħra, billi ***poġġa fuq l-aġenda*** tiegħu għadd ta' petizzjonijiet li jittrattaw b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjoni tar-refuġjati, b'mod partikolari tat-tfal u dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati Venezwelani fl-UE; ***jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' dibattitu pubbliku dwar il-petizzjonijiet relatati mal-kunflitti internazzjonali u jitlob li jiġi żgurat li l-petizzjonijiet kollha li waslu fuq dan il-qasam jiġu ttrattati bit-trasparenza u l-imparzjalità meħtieġa; iħeġġeġ li d-deċiżjonijiet dwar l-ammissibbiltà, it-trattament u s-segwitu tal-petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' politika barranija jsiru b'mod oġġettiv u bbażati fuq kriterji ċari, filwaqt li jiġu evitati l-politiċizzazzjoni jew l-imblukkar partiġġjan;***

Or. en

Emenda 54
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet imressqa u	16. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet imressqa u

diskussi ***fir-rigward tat-tħassib taċ-ċittadini dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-verifiki*** fil-fruntieri bejn xi Stati Membri ***li jqajmu l-aspett problematiku tal-limitazzjoni tal-moviment liberu tal-persuni fl-UE u aspetti oħra bħall-punti*** b'saħħithom u d-dgħufijiet ***tal-estensjoni*** taż-żona Schengen***, kif ukoll il-prezz tan-nuqqas ta' Schengen***; jinnota, f'dan ir-rigward, l-adozzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-adeżjoni maż-Żona Schengen fis-27 ta' Ġunju 2023 u l-organizzazzjoni tas-seduta ta' smigħ pubbliku dwar il-Fruntieri ta' Schengen, li tqajmu mill-petizzjonijiet fit-18 ta' Lulju 2023 f'assoċjazzjoni mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern;

diskussi ***kemm fir-rigward tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli*** fil-fruntieri bejn xi Stati Membri ***kif ukoll fir-rigward tal-punti*** b'saħħithom u d-dgħufijiet ***tat-tkabbir*** taż-żona Schengen; jinnota, f'dan ir-rigward, l-adozzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-adeżjoni maż-Żona Schengen fis-27 ta' Ġunju 2023 u l-organizzazzjoni tas-seduta ta' smigħ pubbliku dwar il-Fruntieri ta' Schengen, ***li kienu kwistjonijiet*** li tqajmu mill-petizzjonijiet fit-18 ta' Lulju 2023 f'assoċjazzjoni mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern;

Or. es

Emenda 55
Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Gheorghe Piperea, Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza, Paolo Inselvini, Kosma Złotowski, Chiara Gemma, Ivaylo Valchev, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li ż-żamma ta' Stati Membri barra miż-Żona Schengen minkejja l-issodisfar tar-rekwiżiti tekniċi hija deċiżjoni diskriminatorja, nieqsa minn ġustifikazzjoni legali, li għandha impatt serju fuq l-ekonomija u l-erba' libertajiet fundamentali tas-Suq Uniku tal-UE: il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni;

Or. en

Emenda 56
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Japprezza l-għadd ta' attivitajiet li saru mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u r-riżoluzzjoni relatata tal-Parlament, biex jingħata appoġġ qawwi għat-tkabbir taż-Żona Schengen biex tinkludi lir-Rumanija u lill-Bulgarija, abbażi tal-fatt li dawn il-pajjiżi, minn ħafna snin ilu, kienu diġà wrew li huma konformi mal-kriterji meħtieġa, li jissodisfaw b'mod effettiv l-obbligi tax-Schengen u li diġà kien ġabu kontribut pożittiv liż-żona Schengen; jilqa' d-deċiżjoni unanima tal-Kunsill favur id-dħul sħiħ taż-żewġ pajjiżi fiż-żona Schengen mill-1 ta' Jannar 2025;

Or. en

Emenda 57
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifaħħar ir-rwol sinifikanti li wettaq il-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-ġlieda lid-diskriminazzjoni kontra ċ-ċittadini Rumeni u Bulgari matul il-perjodu li fih il-pajjiżi tagħhom ma kinux ammessi fiż-Żona Schengen; jissottolinja li l-isforzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-promozzjoni tat-trattament ugwali u fl-indirizzar tal-ostakli mhux ġustifikati li jiffaċċjaw dawn iċ-ċittadini kienu imprezzabbli għall-promozzjoni tal-ekwità u s-solidarjetà fl-Unjoni Ewropea; ifakkar f'dan ir-rigward fid-dibattitu fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar il-petizzjoni 0004/2023, imressqa minn Răzvan Eugen Nicolescu f'isem l- "Asociația pentru Energie Curată și Combaterea

Schimbărilor Climatice", kif ukoll fir-riżoluzzjoni sussegwenti fil-plenarja dwar l-Adeżjoni maż-żona Schengen adottata skont l-Artikolu 227(2);

Or. en

Emenda 58
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jieħu nota taż-żieda f'daqqa fil-petizzjonijiet ta' oriġini Spanjola fit-tieni nofs tal-2023 dwar ir-riskji għall-istat tad-dritt fi Spanja bħala riżultat tal-intenzjoni tal-Gvern Spanjol li jadotta Liġi dwar l-Amnestija li tmur kontra d-dritt kostituzzjonali u Ewropew;

Or. es

Emenda 59
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet b'rabta mal-petizzjonijiet relatati ma' regoli komuni dwar standard uniku għad-dimensjonijiet tal-bagalji tal-idejn, filwaqt li jenfasizza t-tħassib taċ-ċittadini dwar l-inkonvenjent u l-iskumditàkkawżati minn regoli inkonsistenti dwar il-bagalji tal-kabina tal-linji tal-ajru u l-ispejjeż moħbija li jirriżultaw; jenfasizza l-appell tiegħu għal konformità ma' deċiżjoni rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-	17. Jissottolinja l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet b'rabta mal-petizzjonijiet relatati ma' regoli komuni dwar standard uniku għad-dimensjonijiet tal-bagalji tal-idejn, filwaqt li jenfasizza t-tħassib taċ-ċittadini dwar l-inkonvenjent u l-iskumditàkkawżati minn regoli inkonsistenti dwar il-bagalji tal-kabina tal-linji tal-ajru u l-ispejjeż moħbija li jirriżultaw; jenfasizza l-appell tiegħu għal konformità ma' deċiżjoni rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kuntest tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-

servizzi tal-ajru; jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar id-dimensjonijiet standardizzati għall-bagalji tal-kabina adottata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-20 ta' Settembru 2023 segwita mill-adozzjoni ta' riżoluzzjoni b'vot uniku tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2023; jilqa' l-fatt li f'Novembru 2023, il-Kummissjoni ressqet rieżami tal-qafas tad-drittijiet tal-passiġġieri u sensiela ta' proposti mfassla biex itejbu l-esperjenza tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi, inkluż ir-rekwiżit ta' għadd limitat ta' daqsijiet u ta' piżijiet komuni biex titnaqqas il-konfużjoni;

servizzi tal-ajru; jirrimarka, f'dan ir-rigward, il-mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar id-dimensjonijiet standardizzati għall-bagalji tal-kabina adottata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-20 ta' Settembru 2023 segwita mill-adozzjoni ta' riżoluzzjoni b'vot uniku tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2023; jilqa' l-fatt li f'Novembru 2023, il-Kummissjoni ressqet rieżami tal-qafas tad-drittijiet tal-passiġġieri u sensiela ta' proposti mfassla biex itejbu l-esperjenza tal-passiġġieri u tal-vjaġġaturi, inkluż ir-rekwiżit ta' għadd limitat ta' daqsijiet u ta' piżijiet komuni biex titnaqqas il-konfużjoni; ***Jinnota b'dispjaċir li l-passiġġieri b'diżabbiltà għadhom qed jiffaċċjaw wisq ostakli waqt l-ivvjaġġar, speċjalment fil-każ ta' vjaġġi multimodali; sfortunatament, is-sistemi tat-trasport pubbliku ta' ħafna Stati Membri lanqas ma jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD);***

Or. en

Emenda 60
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinnota li l-kwistjonijiet ambjentali baqgħu qasam ta' tħassib serju għall-petizzjonanti fl-2023, b'aktar minn 21 % tal-petizzjonijiet iddedikati għal kwistjonijiet ambjentali; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi whud minn dawn il-petizzjonijiet allegaw implimentazzjoni skorretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri, b'xi Stati Membri diġà qed jiffaċċjaw proċeduri ta' ksur għall-ksur tal-liġijiet ambjentali tal-UE;*** jinnota li diversi petizzjonijiet jiddeskrivu lmenti	18. Jinnota li l-kwistjonijiet ambjentali baqgħu qasam ta' tħassib serju għall-petizzjonanti fl-2023, b'aktar minn 21 % tal-petizzjonijiet iddedikati għal kwistjonijiet ambjentali; jinnota li diversi petizzjonijiet jiddeskrivu lmenti dwar il-kwalità tal-arja, it-tniġġis akustiku, il-ġestjoni/it-trattament tal-iskart, id-deterjorament tal-ekosistemi naturali u l-ksur tad-Direttiva dwar il-Ħabitats fi Stati Membri differenti; jenfasizza s-seduta ta' smigħ pubbliku dwar l-istat tal-

dwar il-kwalità tal-arja, it-tniġġis akustiku, il-ġestjoni/it-trattament tal-iskart, id-deterjorament tal-ekosistemi naturali u l-ksur tad-Direttiva dwar il-Ħabitats fi Stati Membri differenti; jenfasizza s-seduta ta' smigħ pubbliku dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats organizzata fl-24 ta' Mejju 2023; ***jinnota l-ħidma li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kompla jwettaq fl-2023 dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima f'oqsma differenti, mhux biss fil-qasam ambjentali, iżda wkoll fl-użu tal-art, billi inkluda għadd ta' petizzjonijiet li waslu dwar dawn is-suġġetti fl-aġenda; jindika l-workshop dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà soċjali u l-aktar gruppi vulnerabbli organizzat fit-22 ta' Marzu 2023 kif ukoll il-preżentazzjoni tal-istudju dwar il-kumpens għall-vittmi tad-diżastri relatati mat-tibdil fil-klima fit-18 ta' Lulju 2023;***	implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats organizzata fl-24 ta' Mejju 2023;

Or. es

Emenda 61
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jinnota li l-kwistjonijiet ambjentali baqgħu qasam ta' tħassib serju għall-petizzjonanti fl-2023, b'aktar minn 21 % tal-petizzjonijiet iddedikati għal kwistjonijiet ambjentali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi wħud minn dawn il-petizzjonijiet allegaw implimentazzjoni skorretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri, b'xi Stati Membri diġà qed jiffaċċjaw proċeduri ta' ksur għall-ksur tal-liġijiet ambjentali tal-UE; jinnota li diversi petizzjonijiet jiddeskrivu lmenti dwar il-kwalità tal-arja, it-tniġġis akustiku, il-ġestjoni/it-trattament tal-iskart, id-deterjorament tal-ekosistemi naturali u l-	18. Jinnota li l-kwistjonijiet ambjentali baqgħu qasam ta' tħassib serju għall-petizzjonanti fl-2023, b'aktar minn 21 % tal-petizzjonijiet iddedikati għal kwistjonijiet ambjentali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li xi wħud minn dawn il-petizzjonijiet allegaw implimentazzjoni skorretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri, b'xi Stati Membri diġà qed jiffaċċjaw proċeduri ta' ksur għall-ksur tal-liġijiet ambjentali tal-UE; jinnota li diversi petizzjonijiet jiddeskrivu lmenti dwar il-kwalità tal-arja, it-tniġġis akustiku, il-ġestjoni/it-trattament tal-iskart, id-deterjorament tal-ekosistemi naturali u l-

ksur tad-Direttiva dwar il-Ħabitats fi Stati Membri differenti; jenfasizza s-seduta ta' smigħ pubbliku dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats organizzata fl-24 ta' Mejju 2023; jinnota l-ħidma li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kompla jwettaq fl-2023 dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima f'oqsma differenti, mhux biss fil-qasam ambjentali, iżda wkoll fl-użu tal-art, billi inkluda għadd ta' petizzjonijiet li waslu dwar dawn is-suġġetti fl-aġenda; jindika l-workshop dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà soċjali u l-aktar gruppi vulnerabbli organizzat fit-22 ta' Marzu 2023 kif ukoll il-preżentazzjoni tal-istudju dwar il-kumpens għall-vittmi tad-diżastri relatati mat-tibdil fil-klima fit-18 ta' Lulju 2023;	ksur tad-Direttiva dwar il-Ħabitats fi Stati Membri differenti; jenfasizza s-seduta ta' smigħ pubbliku dwar l-istat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats organizzata fl-24 ta' Mejju 2023; jinnota l-ħidma li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet kompla jwettaq fl-2023 dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima f'oqsma differenti, mhux biss fil-qasam ambjentali, iżda wkoll fl-użu tal-art, billi inkluda għadd ta' petizzjonijiet li waslu dwar dawn is-suġġetti fl-aġenda; jindika l-workshop dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sigurtà soċjali u l-aktar gruppi vulnerabbli organizzat fit-22 ta' Marzu 2023 kif ukoll il-preżentazzjoni tal-istudju dwar il-kumpens għall-vittmi tad-diżastri relatati mat-tibdil fil-klima fit-18 ta' Lulju 2023; ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali; jistieden lill-Kummissjoni tapplika miżuri effettivi fil-każijiet fejn jippersisti l-ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE;***
	Or. en

Emenda 62
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Ifakkar li suġġett ieħor li dwaru ntlaqgħu petizzjonijiet huwa d-difiża tad-drittijiet tal-irġiel u n-nisa li huma vittmi ta' reati sesswali; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol importanti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fir-rigward tad-difiża tad-drittijiet tal-vittmi li l-aggressuri sesswali tagħhom intefgħu l-ħabs jew li s-sentenzi tagħhom tnaqqsu b'riżultat tal-approvazzjoni fi Spanja tal-liġi "iva biss tfisser iva";

Or. es

Emenda 63
Sandra Gómez López, Sandro Ruotolo, Annalisa Corrado, Joanna Scheuring-Wielgus, Alex Agius Saliba, Hana Jalloul Muro, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;	20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali; ***jenfasizza li l-petizzjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali jirriflettu t-tħassib pubbliku li qed jikber dwar il-kriżi klimatika, filwaqt li jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw infurzar strett tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u jagħtu prijorità lil tranżizzjoni ekoloġika ġusta; jenfasizza l-importanza li ċ-ċittadini jiġu mismugħa dwar il-kwistjonijiet ambjentali u li jissaħħu s-sanzjonijiet kontra l-Istati Membri li jonqsu milli jikkonformaw mar-regolamenti ambjentali tal-UE;***

Or. en

Emenda 64
Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Gheorghe Piperea, Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza, Paolo Inselvini, Kosma Złotowski, Chiara Gemma, Ivaylo Valchev, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, ***u***	20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, ***li***

jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;	***għandha tkun importanti daqs li jitqiesu r-realtajiet ekonomiċi ta' kull Stat Membru. Ir-regolamenti eċċessivi għandhom impatt negattiv fuq l-ekonomiji emerġenti. Għalhekk, kull Stat Membru għandu jitħalla jiddeċiedi dwar il-proċess ta' tranżizzjoni tiegħu u l-pass tal-implimentazzjoni tar-regolamenti*** ambjentali***, bil-kundizzjoni li dawn ma jxekklux il-kompetittività ekonomika***;

Or. en

Emenda 65
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, ***biex*** tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;	20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ***biex***, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali ***u fil-qasam tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam***;

Or. en

Emenda 66
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jirrikonoxxi l-effetti pożittivi taż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fir-Rumanija mill-15 sat-18 ta' Mejju 2023, fuq il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-popolazzjoni tal-orsijiet kannella, madankollu jinnota b'dispjaċir li għad

hemm wisq inċidenti fatali kkawżati mill-orsijiet kannella b'rabta mal-bnedmin u mal-bhejjem, u għalhekk huma meħtieġa aktar monitoraġġ u kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali;

Or. en

Emenda 67
Adrian-George Axinia, Georgiana Teodorescu, Gheorghe Piperea, Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza, Paolo Inselvini, Kosma Złotowski, Chiara Gemma, Ivaylo Valchev, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Wara ż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fir-Rumanija, jisħaq fuq il-ħtieġa ta' bilanċ bejn il-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi u s-sikurezza taċ-ċittadini. Jissottolinja li kull Stat Membru għandu jitħalla jieħu miżuri, inkluż il-kontroll tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet, sabiex jipprevjeni t-theddid għall-ħajja u l-proprjetà taċ-ċittadini tiegħu;

Or. en

Emenda 68
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jisħaq fuq il-kontribut importanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, kif muri mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett sensittiv; ifakkar fil-workshop annwali tad-29 ta' Novembru 2023 dwar id-drittijiet ***ta' persuni*** b'diżabbiltà li ġie	21. Jisħaq fuq il-kontribut importanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, kif muri mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett sensittiv; ifakkar fil-workshop annwali tad-29 ta' Novembru 2023 dwar id-drittijiet ***tal-persuni*** b'diżabbiltà li ġie

organizzat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar li l-ewwel parti tiegħu ffukat fuq kif il-persuni b'diżabbiltà indirizzaw il-kriżijiet reċenti (il-kostijiet tal-enerġija, il-gwerra, l-inflazzjoni għolja) u kif il-miżuri tal-UE għenu biex jingħelbu dawn l-ostakli filwaqt li t-tieni parti indirizzat il-kwistjoni ta' kif l-istituzzjonijiet Ewropej bnew komunikazzjoni inklużiva maċ-ċittadini b'diżabbiltà; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, ***l-adozzjoni mill-Kumitat ta'*** opinjoni fil-forma ta' ittra dwar l-istabbiliment tal-Kard ***tal-UE*** tad-Diżabbiltà u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ***għal persuni*** b'diżabbiltà fid-29 ta' Novembru 2023;

organizzat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar li l-ewwel parti tiegħu ffukat fuq kif il-persuni b'diżabbiltà indirizzaw il-kriżijiet reċenti (il-kostijiet tal-enerġija, il-gwerra, l-inflazzjoni għolja) u kif il-miżuri tal-UE għenu biex jingħelbu dawn l-ostakli filwaqt li t-tieni parti indirizzat il-kwistjoni ta' kif l-istituzzjonijiet Ewropej bnew komunikazzjoni inklużiva maċ-ċittadini b'diżabbiltà; ***jirrikonoxxi f'dan il-kuntest l-isforzi tas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jinnota li mhux biss trid tinstab l-aħjar soluzzjoni teknika iżda s-soluzzjoni l-aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini torox sabiex jikkomunikaw magħhom bil-lingwa materna tagħhom stess, bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; jitlob il-modifika tar-Regoli ta' Proċedura b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali sabiex tiġi eliminata l-komunikazzjoni bil-miktub maċ-ċittadini torox;*** jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, ***il-fatt li l-Kumitat adotta*** opinjoni fil-forma ta' ittra dwar l-istabbiliment tal-Kard ***Ewropea*** tad-Diżabbiltà u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ***għall-persuni*** b'diżabbiltà fid-29 ta' Novembru 2023;

Or. en

Emenda 69
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jisħaq fuq il-kontribut importanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, kif muri mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett sensittiv; ifakkar fil-workshop annwali tad-29 ta' Novembru 2023 dwar id-drittijiet ***ta' persuni*** b'diżabbiltà li ġie	21. Jisħaq fuq il-kontribut importanti mogħti mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, kif muri mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett sensittiv; ifakkar fil-workshop annwali tad-29 ta' Novembru 2023 dwar id-drittijiet ***tal-persuni*** b'diżabbiltà li ġie

organizzat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar li l-ewwel parti tiegħu ffukat fuq kif il-persuni b'diżabbiltà indirizzaw il-kriżijiet reċenti (il-kostijiet tal-enerġija, il-gwerra, l-inflazzjoni għolja) u kif il-miżuri tal-UE għenu biex jingħelbu dawn l-ostakli filwaqt li t-tieni parti indirizzat il-kwistjoni ta' kif l-istituzzjonijiet Ewropej bnew komunikazzjoni inklużiva maċ-ċittadini b'diżabbiltà; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, l-adozzjoni mill-Kumitat ta' opinjoni fil-forma ta' ittra dwar l-istabbiliment tal-Kard ***tal-UE*** tad-Diżabbiltà u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ***għal persuni*** b'diżabbiltà fid-29 ta' Novembru 2023;	organizzat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar li l-ewwel parti tiegħu ffukat fuq kif il-persuni b'diżabbiltà indirizzaw il-kriżijiet reċenti (il-kostijiet tal-enerġija, il-gwerra, l-inflazzjoni għolja) u kif il-miżuri tal-UE għenu biex jingħelbu dawn l-ostakli filwaqt li t-tieni parti indirizzat il-kwistjoni ta' kif l-istituzzjonijiet Ewropej bnew komunikazzjoni inklużiva maċ-ċittadini b'diżabbiltà; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, l-adozzjoni mill-Kumitat ta' opinjoni fil-forma ta' ittra dwar l-istabbiliment tal-Kard ***Ewropea*** tad-Diżabbiltà u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ***għall-persuni*** b'diżabbiltà fid-29 ta' Novembru 2023***. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha tindirizza l-każijiet fejn l-awtoritajiet nazzjonali jirrifjutaw li jirrikonoxxu d-drittijiet għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-persuni b'diżabbiltà, u b'hekk iħalluhom mingħajr il-mezzi meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom***;
	Or. en

Emenda 70
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni ***speċifiku li jiżvolġi*** l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE ***fil-qafas*** tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà***; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti*** tal-kumitat ***b'rabta ma'*** petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà***;*** jinnota tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti, speċjalment l-2022, ***iżda*** jisħaq ***madankollu*** li kważi rdoppja meta	22. Jissottolinja r-rwol ***speċifiku*** ta' protezzjoni ***li għandu*** l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE***, b'mod partikolari fil-kuntest*** tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà***, u jenfasizza l-ħidma importanti li għaddejja bħalissa*** tal-kumitat ***dwar*** petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà***. Filwaqt li*** jinnota tnaqqis żgħir ***ħafna*** fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti, speċjalment l-2022, jisħaq li ***l-għadd*** kważi

mqabbel mal-2021; ***jinnota*** li d-diskriminazzjoni ***u*** l-aċċess għat-trasport pubbliku ***u għall-impjieg*** għadhom ***fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni*** b'diżabbiltà***; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni*** speċjali ***lit-talba*** biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu***; jilqa'*** l-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu***, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa*** li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, ***l-impjiegi***, l-aċċessibbiltà ***u l-forniment*** ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, ***il-kultura u l-isport***;

rdoppja meta mqabbel mal-2021; ***Jirrimarka wkoll*** li d-diskriminazzjoni***,*** l-aċċess għat-trasport pubbliku***, u l-impjiegi*** għadhom ***qed ikunu sfidi kbar li l-persuni*** b'diżabbiltà ***jiffaċċjaw, u jenfasizza l-attenzjoni*** speċjali ***tal-Kumitat għat-talba*** biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu***.*** L-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu ***hija milqugħa tajjeb, b'enfasizza partikolari fuq il-ħtieġa*** li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, ***l-impjieg***, l-aċċessibbiltà***, il-forniment*** ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, ***inkluż fil-kultura u fl-isport. Flimkien ma' dan, jiġbed l-attenzjoni fuq ir-rwol partikolari tal-Kumitat għall-Petizzjnijiet fis-salvagwardjar tad-drittijiet tat-tfal u tal-ġenituri tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħafna petizzjonijiet urġenti li waslu dwar id-drittijiet tat-tfal, li jirrikjedu attenzjoni u azzjoni speċjali***;

Or. en

Emenda 71
Sandra Gómez López, Annalisa Corrado, Joanna Scheuring-Wielgus, Alex Agius Saliba, Hana Jalloul Muro, Isilda Gomes, Sandro Ruotolo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; jinnota tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti,	22. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; jinnota tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti,

speċjalment l-2022, iżda jisħaq madankollu li kważi rdoppja meta mqabbel mal-2021; jinnota li d-diskriminazzjoni u l-aċċess għat-trasport pubbliku u għall-impjieg għadhom fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabbiltà; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni speċjali lit-talba biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu; jilqa' l-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, ***l-impjiegi***, l-aċċessibbiltà u l-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, il-kultura u l-isport;

speċjalment l-2022, iżda jisħaq madankollu li kważi rdoppja meta mqabbel mal-2021; jinnota li d-diskriminazzjoni u l-aċċess għat-trasport pubbliku u għall-impjieg għadhom fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabbiltà; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni speċjali lit-talba biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu; jilqa' l-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, ***l-impjieg***, l-aċċessibbiltà u l-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, il-kultura u l-isport***, kif ukoll jenfasizza r-riskju tal-familji bi tfal bl-awtiżmu li jkunu fil-mira ta' offerti ta' terapiji u interventi mhux ippruvati, potenzjalment dannużi u illegali li jistgħu jikkawżaw abbuż fiżiku serju tat-tfal***;

Or. en

Emenda 72
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; jinnota tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti, speċjalment l-2022, iżda jisħaq madankollu li kważi rdoppja meta mqabbel mal-2021;	22. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma kontinwa importanti tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; jinnota tnaqqis żgħir fl-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabbiltà fl-2023 meta mqabbel mas-snin preċedenti, speċjalment l-2022, iżda jisħaq madankollu li kważi rdoppja meta mqabbel mal-2021;

jinnota li d-diskriminazzjoni ***u*** l-aċċess għat-trasport pubbliku ***u għall-impjieg għadhom*** fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabbiltà; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni speċjali lit-talba biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu; jilqa' l-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-aċċessibbiltà u l-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, il-kultura u l-isport;	jinnota li d-diskriminazzjoni**,** l-aċċess għat-trasport pubbliku**, *l-impjieg, l-akkomodazzjoni raġonevoli, l-edukazzjoni u d-dritt għal għajxien indipendenti jibqgħu*** fost l-isfidi prinċipali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni b'diżabbiltà; jirrimarka li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni speċjali lit-talba biex l-Istatut Ewropew tad-Diżabbiltà jirrikonoxxi d-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu; jilqa' l-adozzjoni ta' mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tad-drittijiet tal-persuni bl-awtiżmu, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-aċċessibbiltà u l-forniment ta' akkomodazzjoni raġonevoli, il-kapaċità legali, u l-appoġġ tul il-ħajja fil-komunità, il-kultura u l-isport;
	Or. en

Emenda 73
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jissottolinja li l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà"[1a] ġie adottat fis-17 ta' April 2019 u li l-iskadenza stabbilita fih għat-traspożizzjoni tiegħu mill-Istati Membri kienet nhar it-28 ta' Ġunju 2022; jirrimarka li l-iskop ewlieni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà kien li jagħmel il-ħajja aktar faċli għal mill-inqas 87 miljun persuna b'diżabbiltà, filwaqt li jaġevola l-aċċess tagħhom, fost affarijiet oħra, għat-trasport pubbliku, għas-servizzi bankarji, għall-kompjuters, għas-settijiet tat-televixin, għall-kotba elettroniċi u għall-ħwienet online; jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri kollha għadhom qed jonqsu milli jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa u konsistenti tiegħu u qed ikomplu jakkumulaw id-dewmien, kif

ikkonfermat mill-proċedimenti ta' ksur li għaddejjin bħalissa varati kontrihom kollha mill-Kummissjoni; jiddispjaċih ħafna li l-Kummissjoni, b'kontradizzjoni mal-kriterji tagħha stess, qed iżżomm kważi dawn il-proċedimenti ta' ksur kollha mwaqqfa fil-fażi prekontenzjuża, mingħajr ebda tressiq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk qed tonqos milli tindirizza kif xieraq dan il-ksur serju ħafna tad-dritt tal-UE, li jdgħajjef serjament id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà;

---

*[1a] **Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi***

Or. en

Emenda 74
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Ifakkar fil-fatt li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew jirrappreżentaw waħda mir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, li miegħu l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkondividi l-objettivi li jiġu żgurati t-trasparenza, il-professjonaliżmu u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll l-involviment tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen;	23. Ifakkar fil-fatt li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew jirrappreżentaw waħda mir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, li miegħu l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkondividi l-objettivi li jiġu żgurati t-trasparenza, il-professjonaliżmu***, l-effiċjenza*** u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll l-involviment tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen;

Or. en

Emenda 75
Sandra Gómez López, Alex Agius Saliba, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Ifakkar fl-adozzjoni ta' rapport dwar il-funzjonament tal-Jugendamt (Uffiċċju għall-Benesseri taż-Żgħażagħ), wara żjara ta' ġbir ta' informazzjoni fil-Ġermanja, li fih il-Kumitat għall-Petizzjonijiet insista li l-ġenituri mhux Ġermaniżi għandhom jirċievu informazzjoni sħiħa u ċara bil-lingwa nattiva tagħhom f'kull stadju tal-proċedimenti legali relatati mat-tfal u li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandha tiġi rispettata bis-sħiħ, b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha dwar id-drittijiet tat-tfal, biex kull tifel u tifla jkunu jistgħu jżommu relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri tagħhom, sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tat-tfal;

Or. en

Emenda 76
Sandra Gómez López, Alex Agius Saliba, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo, Isilda Gomes

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***23b. Jirrikonoxxi l-għadd ta' petizzjonijiet u inizjattivi dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet soċjali, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tat-trade unions li rċevew l-attenzjoni dovuta u s-segwitu xieraq, bħad-dibattitu dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li saret**

petizzjoni "Good Clothes, Fair Pay" (Ħwejjeġ Tajbin, Pagi Ġusti) li tiffoka fuq is-sitwazzjoni dannuża tal-ħaddiema fl-industrija globali tal-ħwejjeġ u ż-żraben minħabba prattiki kummerċjali inġusti, jew il-Mistoqsija Orali tal-Parlament Ewropew dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema fl-Unjoni Ewropea li nbdiet mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet u li ssottolinjat il-ħtieġa li tiżdiedu l-prestiġju u l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim, inkluż f'żoni rurali, ultraperiferiċi u depopolati;

Or. en

Emenda 77
Sandra Gómez López, Alex Agius Saliba, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Ifakkar fl-istudju tal-Parlament Ewropew dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-UE li ġie kkummissjonat mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet u ppreżentat fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2023 u li ta kontribut importanti dwar din l-isfida soċjali u ekonomika urġenti li tirrappreżenta waħda mill-aktar forom severi ta' esklużjoni soċjetali, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa ta' bidla fil-politika pubblika lejn il-prevenzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, fost l-oħrajn billi tiġi pprovduta akkomodazzjoni sigura u affordabbli;

Or. en

Emenda 78
Sandra Gómez López, Alex Agius Saliba, Joanna Scheuring-Wielgus, Annalisa Corrado, Isilda Gomes, Hana Jalloul Muro, Sandro Ruotolo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u l-aħtieġa ta' protezzjoni akbar għall-ħaddiema fl-UE, filwaqt li jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jindirizzaw b'mod effettiv it-tħassib imqajjem fil-petizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-ħaddiema u mat-trade unions; jenfasizza l-aħtieġa li jiġi żgurat l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-ħaddiema u li tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni dwar il-pagi ġusti, is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, u n-negozjar kollettiv fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 79
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Ifakkar fl-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini tal-UE li jenfasizzaw l-abbużi mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea u mill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri matul il-pandemija tal-COVID-19; jiddispjaċih li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet naqas milli jagħti segwitu b'azzjonijiet sinifikattivi, u ħalla liċ-ċittadini mhux mismugħa u mingħajr protezzjoni matul dawn iż-żminijiet bla preċedent; jissottolinja li dan in-nuqqas ta' rispons jimmina l-fiduċja u l-obbligu ta' rendikont li ċ-ċittadini għandhom kull dritt li jistennew mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-indirizzar ta' tali tħassib serju;

Or. en

Emenda 80
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza li, meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonsulta kif xieraq lill-ombudsman nazzjonali rilevanti matul il-proċedura tal-petizzjoni;

Or. en

Emenda 81
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jisħaq li l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) jirrappreżentaw strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni tal-pubblika; jilqa' d-diskussjoni f'xi laqgħat ta' ***xi*** IĊE li ma rnexxewx u li xi drabi ġew riformulati bħala petizzjonijiet, li jagħtu liċ-ċittadini l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom u li jorganizzaw dibattitu kostruttiv, filwaqt li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi demokratiċi tal-UE; jieħu nota tal-għadd sinifikanti ta' IĊE ġodda reġistrati mill-Kummissjoni fl-2023, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti parteċipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aħjar maċ-ċittadini u tagħti segwitu adegwat lill-IĊE li rnexxew; jilqa' l-isforz importanti stabbilit biex jiġu organizzati, flimkien ma' kumitati oħra, erba' seduti ta' smigħ	25. Jisħaq li l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) jirrappreżentaw strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni tal-pubblika; jilqa' d-diskussjoni f'xi laqgħat ta' IĊE li ma rnexxewx**,** u li xi drabi ġew riformulati bħala petizzjonijiet, li jagħtu liċ-ċittadini l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom u li jorganizzaw dibattitu kostruttiv, filwaqt li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi demokratiċi tal-UE; jieħu nota tal-għadd sinifikanti ta' IĊE ġodda reġistrati mill-Kummissjoni fl-2023, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti parteċipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aħjar maċ-ċittadini u tagħti segwitu adegwat lill-IĊE li rnexxew; jilqa' l-isforz importanti stabbilit biex jiġu organizzati, flimkien ma' kumitati oħra, erba' seduti ta' smigħ

pubbliku dwar IĊE li rnexxew, li ppermettew lill-organizzaturi jippreżentaw l-objettivi tal-inizjattiva u jikkollaboraw mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea;	pubbliku dwar IĊE li rnexxew, li ppermettew lill-organizzaturi jippreżentaw l-objettivi tal-inizjattiva u jikkollaboraw mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea; ***jissottolinja li l-impenn tal-Kummissjoni li twieġeb għall-IĊE validi huwa essenzjali biex tibqa' tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini fl-IĊE bħala l-aktar strument sinifikanti għad-demokrazija parteċipattiva;***
	Or. en

Emenda 82
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jisħaq li l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) jirrappreżentaw strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni tal-pubblika; jilqa' d-diskussjoni f'xi laqgħat ta' xi IĊE li ma rnexxewx u li xi drabi ġew riformulati bħala petizzjonijiet, li jagħtu liċ-ċittadini l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom u li jorganizzaw dibattitu kostruttiv, filwaqt li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi demokratiċi tal-UE; jieħu nota tal-għadd sinifikanti ta' IĊE ġodda reġistrati mill-Kummissjoni fl-2023, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti parteċipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aħjar maċ-ċittadini u tagħti segwitu adegwat lill-IĊE li rnexxew; jilqa' l-isforz importanti stabbilit biex jiġu organizzati, flimkien ma' kumitati oħra, erba' seduti ta' smigħ pubbliku dwar IĊE li rnexxew, li ppermettew lill-organizzaturi jippreżentaw l-objettivi tal-inizjattiva u jikkollaboraw mal-Membri tal-Parlament Ewropew u	25. Jisħaq li l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) jirrappreżentaw strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni tal-pubblika; jilqa' d-diskussjoni f'xi laqgħat ta' xi IĊE li ma rnexxewx u li xi drabi ġew riformulati bħala petizzjonijiet, li jagħtu liċ-ċittadini l-opportunità li jippreżentaw l-ideat tagħhom u li jorganizzaw dibattitu kostruttiv, filwaqt li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi demokratiċi tal-UE; jieħu nota tal-għadd sinifikanti ta' IĊE ġodda reġistrati mill-Kummissjoni fl-2023, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti parteċipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aħjar maċ-ċittadini u tagħti segwitu adegwat lill-IĊE li rnexxew ***u tagħti bidu għal leġiżlazzjoni għalihom***; jilqa' l-isforz importanti stabbilit biex jiġu organizzati, flimkien ma' kumitati oħra, erba' seduti ta' smigħ pubbliku dwar IĊE li rnexxew, li ppermettew lill-organizzaturi jippreżentaw l-objettivi tal-inizjattiva u jikkollaboraw

mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea;	mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 83
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis kif xieraq ir-riżoluzzjonijiet parlamentari adottati dwar l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) u ssaħħaħ l-involviment tagħha maċ-ċittadini, b'mod partikolari billi tiżgura segwitu xieraq u effettiv għall-IĊE ta' suċċess, u b'hekk issaħħaħ il-proċess demokratiku u tiżgura li l-ilħna taċ-ċittadini jiġu riflessi b'mod adegwat fit-tfassil tal-politika tal-UE;

Or. en

Emenda 84
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jilqa' l-fatt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2023 ittratta petizzjonijiet relatati ma' problemi ta' minoranzi nazzjonali indiġeni; jinnota madankollu b'dispjaċir li l-Kummissjoni Ewropea deliberatament evitat l-opportunità li tagħti bidu għal leġiżlazzjoni relatata mal-inizjattiva ta' suċċess Minority SafePack fl-2021; għaldaqstant, l-ebda politika Ewropea mhi disponibbli għall-minoranzi

	nazzjonali fl-Ewropa, u għalhekk għad hemm problemi strutturali f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 85
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jissottolinja li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet mingħajr intoppi, effiċjenti u trasparenti; jilqa', f'dan ir-rigward, it-titjib fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u l-elementi ta' sigurtà li għamlu l-portal aktar faċli biex jintuża u sigur għaċ-ċittadini; jisħaq li jridu jitkomplew l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli, inkluż li dan isir aktar aċċessibbli għall-utenti tal-lingwa tas-sinjali u għall-persuni b'diżabbiltà; jinnota li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet kien wieħed mill-aktar siti web tal-Parlament Ewropew li żaruh nies, u b'hekk serva bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Parlament għal ħafna ċittadini tal-UE;	26. Jissottolinja li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet mingħajr intoppi, effiċjenti u trasparenti; jilqa', f'dan ir-rigward, it-titjib fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u l-elementi ta' sigurtà li għamlu l-portal aktar faċli biex jintuża u sigur għaċ-ċittadini; jisħaq li jridu jitkomplew l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli, inkluż li dan isir aktar aċċessibbli ***u mfassal apposta*** għall-utenti tal-lingwa tas-sinjali u għall-persuni b'diżabbiltà ***biex b'hekk tiġi żgurata l-inklużività b'disinn universali***; jinnota li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet kien wieħed mill-aktar siti web tal-Parlament Ewropew li żaruh nies, u b'hekk serva bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Parlament għal ħafna ċittadini tal-UE;

Or. en

Emenda 86
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Ifakkar fid-dimensjoni Ewropea tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li tista'

tiġi indirizzata miċ-ċittadini mis-27 Stat Membru kollha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati tal-UE u tad-dritt tal-Unjoni; jemmen li l-Kumitat għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea u li juri l-valur miżjud tal-unità u l-integrazzjoni Ewropea għaċ-ċittadini; huwa tal-fehma li t-trattament tal-petizzjonijiet għandu jkun ġeografikament ibbilanċjat u proporzjonat għall-popolazzjoni ta' kull Stat Membru; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-Parlament Ewropew għandu jżid l-isforzi tiegħu biex jippromwovi r-rwol u l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu u joħloq sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini kollha tal-UE dwar il-possibbiltà li jindirizzaw petizzjoni lill-Parlament Ewropew; iħeġġeġ lill-gruppi politiċi rappreżentati fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet ifittxu kunsens u bilanċ fir-rigward tal-għażla u t-trattament tal-petizzjonijiet;

Or. en